**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 2.10.11: IS-SEBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA**

**Fil-10.30a.m.** quddiesa li se tkun organizzata miż-Żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali.

**FIL-11.15a.m. KORS TA' TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA.**

Illum il-Ħadd, fil-parroċċa tagħna se nibdew il-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ għall-Għarajjes.

Ikun fid-Dar Parrokkjali u jkun mmexxi minn Saċerdot bl-għajnuna ta' żewġ koppji miżżewġin.

**IT-TNEJN, 3.10.11 L-Ewwel Tnejn tax-Xahar**

Illum jibda it-tagħlim tad-**Duttrina** għat-tfal kollha

**Fis-6.00p.m**. Ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju

**Fis-7.30p.m. RUŻARJU fiż-ŻONA ta' Ċenċ.**

Ikun bejn Triq Skerla u Triq Ċenċ.

**L-ERBGĦA, 5.10.11: LAQGĦA GĦALL-IRĠIEL**

**Fis-7.30p.m.** Se ssir il-Laqgħa ta' Talb għall-Irġiel kollha. Din tkun fil-Knisja. L-Irġiel kollha mistiedna jattendu.

**IL-ĦAMIS, 6.10.11:** L-Ewwel Ħamis tax-xahar

**Fis-7.00a.m**. Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-7.00p.m**. Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru l-ordinazzjoni tagħhom u t-twaqqif tas-saċerdotzju.

**IL-ĠIMGĦA, 7.10.11:Festa tal-Madonna tar-Rużarju**

L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

Illum ikun hawn Ġesu' Espost għall-Adorazzjoni tagħna Mit-8.00 sal 11.00a.m. u mit-3.00p.m. 'l quddiem.

**IL-ĦADD, 9.10.11: Id-DISA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

## TAGĦLIM TAD-DUTTRINA FIL-PARROĊĊA

It-tagħlim tad-Duttrina tat-Tfal se jibda nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru. Il-ħinijiet se jkunu hekk:

Years 1, 2 u 3 mixed u Years 4, 5, u 6 bniet : it-Tnejn, it-Tlieta, l-Ħamis u l-Ġimgħa fit-7.45a.m. fil-post tal-Museum.

Form 1 bniet ikunu fit-3.15p.m. fit-Tnejn it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa, id-Dar tal-Parroċċa f'Main Street.

Forms 2 u 3 bniet fis-7.30p.m. fid-Dar Parrokkjali nhar ta' Erbgħa.

Forms 4 u 5 bniet fis-7.30p.m. fid-Dar tal-Parroċċa fi Triq il-Kbira.

Subien li jattendu l-Museum minn Year 4 sa Form 2 fis-6.00p.m.

Minn Form 3 'l fuq fis-7.30p.m.

**ĊENTRU PARROKKJALI.**

Minn Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ottubru se jibdew il-laqgħat taż-Żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali . Dawn ikun fis-7.30p.m. u wara jkun hemm l-attivitajiet soċjali

**IL-KUNSILL LOKALI** javża li se jsir it-tilqim kontra l-Influwenza lill-persuni 'l fuq il-55 sena. Dawk li huma interessati jinkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill din il-ġimgħa.

## XAHAR TAR-RUZARJU



Il-Beatu Papa Gwanni Pawlu II, bit-taħbit, il-problemi, u x-xogħol kbir li kellu, kien kuljum isib il-ħin biex jgħid ir-rużarju.

Dan ix-xahar li huwa dedikat għal din it-talba għażiża, fittex u sib ħin biex titlob lill-Madonna b'din it-talba.

Din it-talba tgħaqqad il-familja u tkabbar ir-relazzjoni tagħha ma' Alla.